MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 334/2007

**Dr. Remigio Zammit Pace**

**Vs**

**AVC Properties Limited**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikorsipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Ottubru 2007, permezz ta' liema l-attur talab lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallsu s-somma ta' erbat elef mija u tlettax-il lira Maltija (LM4,130) ekwivalenti ghal disat elef sitt mija u ghoxrin Euro u wiehed u tlettin centesmu rapprezentanti rimbors dovut lir-rikorrent ghat-taxxa fuq il-qliegh kapitali mhallsa fuq il-kuntratt fl-atti tar-rikorrent ta' l-erbgha (4) t'Ottubru 2007, li kopja tieghu hija annessa u markata bhala Dok. RZP liema somma thallset lir-rikorrent mill-intimat permezz ta' cheque mahrug fuq l-APS Bank Limited

numru 200, kopja annessa w immarkata bhala Dok. RZP 2, liema *cheque* gie ritornat bil-kliem '*refer to drawer*'.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta, li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Novembru 2007 kif jirrizulta mir-riferta fl-atti a fol. 18 ta' l-istess.

Illi fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2008 l-attur pprezenta pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar 2008 is-socjeta konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mill-attur u semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-attur tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' disat elef sitt mija u ghoxrin Euro (9,620 Euro) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------